KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 437 (8-65)

It-Tnejn 30 ta' Mejju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.
Il-laqgħa bdiet fis-7.10am minħabba nuqqas ta' kworum.

Il-laqgħa li kellha ssir fit-22 ta' Mejju 2023 ma saritx minħabba nuqqas ta' kworum u ġiet posposta għal lum 30 ta' Mejju 2023.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Sant

ASSENTI

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**437.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**437.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku u Kunsilliera Kurstein Sant.

**437.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**437.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 436. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**437.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**437.2.3** 436.2.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal item 436.2.3. Peress li l-iskema ma kienetx tapplika, hija proponiet xiri ta' kotba. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jkollna stima tal-kotba u jkun hemm qbil fuq l-ammont ta' flus.

**437.2.4** 436.3.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li s-sidien tal-għelieqi li kellhom problema bl-aċċess għadhom ma ġewx ikkuntattjati. Is-Sindku qal li jerġa jgħaddi d-dettalji tal-individwu lill-Perit tal-proġett biex issir laqgħa fuq il-post qabel jibda l-proġett.

**437.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**437.3.1** Proġett Komunitarju Ramija
Is-Sindku qal li ġew sottomessi l-aħħar emendi lill-Awtorita' tal-Ippjanar relatati mal-Proġett. Huwa pjanat li x-xogħol jibda għall-aħħar ta' Ġunju 2023 mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet.

**437.3.2** Xogħolijiet fil-bandli Nalizpalra
Is-Sindku qal li ġie iffirmat il-kuntratt ta' xogħol għal bdil tas-safety flooring fil-bandli Nalizparla. Il-materjal issa ser jiġi ordnat minn barra u sadanittant isir kooordinament biex jibda jinqala' l-materjal il-qadim. Sakemm ikunu għaddejjin ix-xogħolijiet, ser issir ukoll manutenzjoni in ġenerali tal-post. Qed isir ukoll elenku ta' xogħol li hemm bżonn fil-lattrina biex tingħata upgrade tramite l-iskema maħruġa mir-reġjun.

**437.3.3** Manutenzjoni quddiem il-Kappella tal-Providenza mill-MTA
Is-Sindku informa li wara komunikat mal-MTA rigward manutensjoni li hemm bżonn quddiem il-kappella tal-Providenza, saret spezzjoni fil-post u ser isiru it-tiswijiet meħtieġa. Ġie ssuġġerit li l-arbli tad-dawl eżistenti jinbidlu għal dwal fl-art biex jiġi evitat li jintlaqtu minn vetturi u jagħmlu ambjent isbaħ. Qed isir il-proċess ta' procurement minn naħa tal-MTA. Qed inkunu qed insegwu xogħolijiet oħrajn li hemm bżonn.

**437.3.4** Publikazzjoni dwar il-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi
Is-Sindku preżenta ktieb miktub minn Joe Pace dwar il-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi li għadu kemm ġie ppublikat. Huwa qal li dan hu ktieb uniku u esklusivament iddedikat lill-Knisja parrokjali mimli b'informazzjoni u ritratti mill-isbaħ. Is-Sindku qal li dan jimmerita kontribut minn naħa tal-Kunsill bħala appoġġ. Is-Sindku propona għajnuna ta' €500. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**437.3.5** Proċess ta' Ġemellaġġ ma' Malbork
Is-Sindku qal li b'dispjaċir ġejna infurmati mill-Abaxxatur Malti għal Polonja, li s-Sindku ta' Malbork qed jirtira dan il-ftehim ta' ġemellaġġ minħabba problema ta' finanzi. Huwa qal li din kienet sorpriża peress li l-proposta għall-ġemellaġġ kienet inizjalata minn naħa tagħhom, u li din ġiet irtirata wara li l-proċess kollu minn naħa tagħna kien tlesta.

**437.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**437.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**437.5 Skema SPI/SCI/04/2023 - Skema finanzjarja- Komunitajiet aktar siguri u organizzati**

**437.5.1** Is-Sindku qal li wara laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' dwar diversi proposti, anka vettura elettrika, fejn ġew mistħarrġa l-prezzijiet fis-suq, ġie stabbilit li bl-ammont finanzjat dan mhux possibbli u allura l-applikazzjoni ssir fuq roti jew muturi elettriċi biex ikunu jistgħu jintużaw waqt il-qadi ta' dmirijiethom fil-lokalita'. Is-Sindku talab l-approvazzjoni u qal li l-Kunsill huwa f'pożizzjoni finanzjarja stabbli biex ikopri il-15% tas-somma globali (ta' massimu ta' €15000, inkluż il-VAT). Il-Kunsill unanimament approva.

**437.6 Laqgħa dwar il-bidu tax-xogħol fuq il-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

**437.6.1** Is-Sindku informa li inħarġet il- 'commencement of works notice', filwaqt li t-triq bdiet tiġi żgumbrata bil-koperazzjoni tal-Pulizija. Hu qa li fil-jiem li ġejjin ser tiġi rilokata wkoll il-bring in site f'post viċin u anka l-cameras. Fil-bidu ta' Lulju, it-triq għandha tingħalaq kollha b'hoarding ħalli jkun jista' jibda x-xogħol.

**437.7 Progress fuq xogħolijiet infrastrutturali minn Infrastructure Malta**

**437.7.1** Is-Sindku informa li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb. Hu qal li tlestew il-bdil tas-servizzi fi triq Papa Pawlu Vi u Triq is-Siġġiewi u anka l-bankini, u inbdew il-bdil ta' servizzi fi Triq il-Palazz tal-Verdala. Il-Perit tal-Kunsill qed iħejji pjan ta' parkeġġ għal-linji tat-traffiku fi Triq Papa Pawlu Vi u anka proposta ta' roundabout fil-wesgħa fi Triq is-Siġġiewi ma' Triq papa Pawlu.

**437.8 Xogħolijiet għall-introduzzjoni ta' raised belisha crossings fi Triq Dun Manwel Zammit**

**437.8.1** Is-Sindku qal li qed jinġiebu stimi tax-xogħolijiet kompluti għall-erbgħa belisha crossings, inkluż sistema tal-elettriku, sinjali, tabelli u anka trinkar.

**437.9 Xogħolijiet fil-bajja ta' Għar Lapsi mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet**

**437.9.1** Is-Sindku qal li wara laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet, kien hemm qbil li tiġi rranġata r-rampa li tagħti għal bajja minħabba li qegħda ta' periklu. Huwa pjanat li x-xogħol isir għal Ġunju. Ix-xogħol jinkludi wkoll gutter għall-ilma biex tiġi evitata problema ta' flooding li tikkawża iktar ħsarat. Huwa stmat li x-xogħol idum ġimgħatejn. Sussegwentement ser jitranġa ukoll it-taraġ mill-istess Dipartiment.

**437.9.2** Is-Sindku qal li qed issir manutenzjoni estensiva tal-bandli fil-Park ta' Għar Lapsi, filwaqt li l-art tan-netball court hija lesta u fil-jiem li ġejjin ser jiġu installati netball hoops sponsoriżżati minn kumpanija ta' apparat sportiv. Qed isir ukoll koordinament mar-Reġjun Punent għal upgrade tal-lattrina kopert minn skema, fejn sadanittant saret ukoll xi tiswija temporanja biex il-lattrina tkun tista tintuża. Is-Sindku qal li bħas-snin preċedenti, fix-xhur tas-Sajf ikun hemm persuna mal-lattrina fil-ħinijiet ta' filgħaxija għal aktar tindif u anke biex jiġi evitat vandaliżmu.

**437.10 Koordinament tal-attivitajiet relatati mal-Festa ta' San Nikola 2023**

**437.10.1** Is-Sindku qal li l-loġistika għal festa miexja sew. Saret laqgħa mas-sidien tal-istabbilmenti u l-pulizija rigward permessi u ser issir laqgħa oħra iktar qrib il-festa biex ikun hemm resume' tal-permessi kollha li inħarġu bil-koordinament mal-Pulizija. Saret ukoll laqgħa mal-għaqdiet u mal-arċipriet. Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin ser isiru laqgħat anka b'koordinament mar-Reġjun Punent dwar tindif u ġbir ta' skart wara l-attivitajiet u anke mal-LESA dwar għeluq ta' toroq.

**437.10.2** B'referenza mal-festa, is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Grupp tal-Armar biex il-Kunsill japprova s-somma ta' €1200 bħas-snin preċedenti għall-armar ta' dawl bil-festun tul Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Il-Kunsill unanimament qabel.

**437.10.3** Is-Sindku qal ukoll li inġibdet l-attenzjoni rigward permessi li jinħarġu għall-attivitajiet tal-festa. Huwa rrefera għal deċiżjoni li kienet ittieħdet lura fl-1994, f'Seduta 4, li ma jkunx hemm permessi għal tisjir fil-pjazza għajr għal bejjiegħa tal-qubbajd. Hu qal li kull permess li jinħareġ mill-Kunsill ikun marbut b'kundizzjonijiet.

**437.11 Twaqqif ta' kumitat ad hoc bi preparazzjoni għal Festa Għeneb 2023**

**437.11.1** Is-Sindku qal li bdew il-kunttati ma' persuni dilettanti tal-għeneb biex jibdew it-tħejjijiet. Huwa ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jagħtu is-sehem tagħhom biex din l-attivita' tkun suċċess. Qed jibdew jinġabru kuntatti ta' persuni u organizzazzjonijiet prospettivi biex jieħdu sehem.

**437.12 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**437.12.1** PA2531/23 – Development of 5 storey building, Triq Mons FX Mangion
Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill intalab ifittex iktar informazzjoni fuq dan il-permess. Filfatt, irriżulta li din l-applikazzjoni hija emenda tal-applikazzjoni diġa approvata PA1476/18, liema natura tal-applikazzjoni ma nbidlitx. Il-perit irrefera għal każ simili f'lokalita' oħra fejn 'pencil development' ġie rifjutat għall-iżvilupp. Il-Kunsill Lokali huwa reġistrat bħala oġġezzjonatur u allura għandu iċ-ċans iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

**437.13 Rapport tal-Korrispondenza**

**437.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**437.13.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mill-Kulleġġ San Injazju Siġġiewi għal finanzjament tal-ħarġa tal-farewell tal-istudenti tal-year 6, madwar €500. il-Kunsill unanimament approva bħala prinċipju li jgħin fil-ħarġa tal-farewell, iżda propona li għal quddiem, l-attivita tkun iktar ta' benefiċċju għall-istudenti. Huwa rakkomandat li l-Kunsill jiġi kkonsultat qabel.

**437.13.3** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand il-Majjistral Action Group Foundation rigward il-laqgħa ġenerali annwali li ser issir fil-21 ta' Ġunju 2023, fejn dakinhar issir ukoll l-elezzjoni għal membri tal-eżekuttiv. In-nominazzjonijiet jiskadu fit-2 ta' Ġunju2023.

**437.13.4** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza minn resident fi Triq Blat il-Qamar fejn qed jitlob traffic calming measures sussegwenti għal inċident tat-traffiku minħabba veloċita'. Is-Sindku qal li Triq Blat il-Qamar hija inkluża fil-pjan ta' xogħolijiet li ressaq il-Kunsill lil Infrastructure Malta għas-sena d-dieħla, inkluż bankini u anka proposti ta' traffiku ġodda.

**437.13.5** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza dwar il-proġett pilota Scool2Walk b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ San Injazju is-Siġġiewi, il-pulizija tal-Komunita', Transport Malta u NGO. Hija qalet li l-ewwel avveniment fejn huwa mistieden il-Kunsill ser isir fit-8 ta' Ġunju 2023, fejn il-grupp jiltaqa' ħdejn il-kappella fil-Pjazza u jimxi sal-iskola.

**437.14** **Rapport tal-ilmenti**

**437.14.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**437.15** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**437.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**437.15.2** **Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar-Marzu 2023 (Q1)**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport finanzjarju għal perjodu Jannar-Marzu 2023 (Q1). Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-Rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**437.16** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**437.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li il-polza ta' assikurazzjoni tiskadi fl-10 ta' Lulju 2023. Is-Sindku propona li l-assikurazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. L-ammont huwa ta' €4700. Il-Kunsill unanimament qabel.

**437.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm diversi talbiet għal mirja pendenti. Hu qal li uħud minnhom huma bżonnjużi b'mod immedjat għax ikun hemm periklu. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser jitwaħħlu xi mirja.

**437.16.3** Il-Kunsillier Borg qal li xi ġimgħat ilu iġġarraf ħajt tas-sejjieħ f'inċident fi Triq l-Imqabba u qiegħed ta' periklu. Hu talab li ssir komunikazzjoni mal-Pulizija biex jittella l-ħajt.

**437.16.4** Il-Kunsillier Borg qal li xi residenti li joqgħodu fiż-żona rurali talbu li jkollhom bins fejn ipoġġu l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma jiprovdix bins iżda il-maġġor parti tar-residenti provdew huma bin biex il-boroż ma jiġux imqatta u mferrxa mat-triq.

**437.16.5** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar ilment ta' ilma li joskula mill-bankina għal ġol-basement ta' dar privata fi Triq Ġuża Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv qabel li wara spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill, irriżulta li it-triq niżlet sostanzjalment u kkonferma li qed jidħol l-ilma. Il-Kunsillier Borg talab kopja tar-rapport biex ikun jista' jsegwi.

**437.16.6** Il-Kunsillier Borg talab li jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli tat-traffiku fi Triq l-imdina wara xogħol minn IM, anka peress li l-vetturi qed jidħlu one way, u anka jerġgħu isiru s-sinjali.

**437.16.7** Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace irrimarkat li qed ikun haw diversi dog bins imfawra li jdumu ma jitbattlu. Hija talbet li dawn isiru frekwenti. Hija rrimarkat ukoll li t-tindif tat-toroq mhux sodisfaċenti. Qalet li hemm toroq li żgur ma jinkinsux għax tara l-istess ħmieġ għal ġimgħat. Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-Kuntrattur u jiġi infurmat il-contracts manager biex isegwi l-iskeda tal-knis.

| | |
|---|---|
| **437.17** | **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament** |
| **437.17.1** | Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta’ filgħaxija. |
| **437.17.2** | Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 3 ta’ Lulju 2023 fis-6.00 ta’ filgħaxija. |

Konfermati, illum 22 ta’ Mejju 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv